# IL-QADDEJJA TAL-MULEJ

# PAWLINA TAL-MARKIZI NICOLAY

## BENEFATTRIĊI KBIRA TAS-SANTWARJU TA' EMMAWS U TA' L-ART IMQADDSA

*(Jissokta mal-għadd ta' qabel)*

Il-W. R. P. Ġakbu Radò konfessur u mexxej tar-ruħ ta' Pawlina għall-aħħar ħdax-il sena, hekk jissokt ajikteb lill-Em. Tiegħu l-Kardinal Ġużeppi Berardi:

Pawlina kienet imħarrġa fl-għemil it-tajjeb, kif kien għażel missierha, mis Sorijiet tal-monasteru tal-Qalb ta' Ġesù f'Pariġi. Ta' dawn is-Sorijiet kienet ukoll libset l-abitu u, saħansitra, ukoll għamlet il-professjoni tal-voti, bit-tama li fiż-żmien tilħaq dak il-għan li għalih kienet imsejħa, kif kien qalilha Ġesù Kristu nnifsu f'dawk it-taħditiet li kellha miegħu u li riedha żawwara (pellegrina) fl-Art Imqaddsa u mdaħħla fl-Ordni Serafiku tal-Patrijarka San Franġisk ta' Assisi.



**Il-Venerabbli Pawlina tal-Markiżi de Nicolay.**

Waqt li kienet fil-monasteru tal-Qalb ta' Ġesù (kien għad kellha anqas minn 12-il sena) darba waħda f'jum it-Tnejn ta' fuq il-Għid il-Kbir, semgħet il-qari tal-Vanġelu, fejn igħid, kif Kristu, wara li qam minn bejn l-imwiet, deher fit-triq lid-dixxipli tiegħu Xmun u Kleofa, li għarfuh "in fractione panis". Pawlina għar-rakkont tal-Vanġelu hekk inġibdet għal dan il-misteru u hekk inxtegħlet bid-devozzjoni, li ħassitha mnebbħa minn Alla li tikseb mill-ħakma tat-Torok dak is-Santwarju. Dak li 'l quddiem tassew għamlet b'ħafna taħbit u tfixkil.

Iż-żmien iżda kien qiegħed joqrob biex jinbdewlha t-twettiqiet tal-wegħdiet li kien għamlilha dak il-pellegrin divin: għalhekk, kellha tħalli l-monasteru tal-Qalb ta' Ġesù u tibda l-ħajja ta' żawwara lill-aqwa Santwarji tal-Fidwa tagħna. Imma kif se tibda tagħmel? Tassew, hawn il-każ li wieħed jistqarr: "Mirabilis Deus in Sanctis suis". Ġesù Kurċifiss, mill-imħabba tiegħu, jagħtiha xewka f'għajnejha l-leminija, bħala tifkira ta' dik li Ġesù nnifsu bata, malli qiegħdulu l-kuruna tax-xefk ar'fsu, u hekk rassewhielu 'l isfel li ponta ta' xewka waslet u ħaqritlu għajnu. L-uġigħ li

ġarrbet Pawlina kien mill-aqwa, iżda hi ma fdat ma' ħadd x'inhu l-każ ta' dak il-gwaj. Minħabba dak li ġralha, il-Markiż missierha riedha toħroġ minn soru; minn fejn tassew ħarġet b'reskritt tal-Papa Piju IX, li kien il-Papa ta' dak iż-żmien.

Biex toqgħod għax-xewqa tal-ġenituri, u biex ma tikxifx il-ċaġa jew salib li taha Ġesù Kurċifiss hija qagħdet għal kull kura tat-tobba; imma kien kollox għal xejn, għax l-uġigħ baqa' jaħqarha sal-mewt.

Missierha, imbagħad, amrilha biex tagħmel xi vjaġġi, li swewlha ħafna għall-ġid ta' ruħha, billi setgħet b'hekk iżżur is-Santwarji l-aktar imsemmijin u li minnhom qalgħet grazzji u favuri l-aktar kbar. Fost is-Santwarji l-oħra, marret iżżur dak tas-Slaten Maġi fil-belt ta' Kolonja, fil-Baviera, fejn dawn dehrulha u wegħduha li huma jissieħbu magħha fil-vjaġġi tagħha u żgurawha li sew hi, u sew dawk kollha li jkunu magħha ma jiġrilhom ebda għawġ waqt il-vjaġġ. Għalhekk hi f'kull vjaġġ li għamlet, bl-art jew bil-baħar, qatt ma mliet rasha b'xi biża', għax ħasset li hi żgura, għax kellha dejjem magħha s-Slaten Maġi, u kienet ukoll titkellem magħhom.

Għandna nafu wkoll, li f'dar missierha, meta ħarġet mill-monasteru ta' Pariġi, hi kellha f'idejha l-ħsieb u t-tmexxija ta' kulma jkun meħtieġ, l-iżjed biex taqdi lil missierha li kien fil-belt ta' Ġinevra. Ma ngħid xejn, kif bi kbir għaġeb setgħet teħles minn dan l-inkarigu, biex tkun tista' żżur, skond il-wegħdiet divin ili kellha, is-Santwarji ta' Ruma, Loretu, Assisi u l-Palestina. Ngħid biss li fil-belt ta' Annecy fis-Savoia, fit-30 ta' Ottubru 1854, daħlet fit-Tielet Ordni Franġiskan, u fil 15 ta' Awissu ta' sena wara għamlet il-professjoni. Iżda wkoll fl-1862, minn Ruma għaddiet u waqfet hawn Malta, u, wara kors ta' eżerċizzi li kellha, ġeddet il-professjoni tagħha f'idejn ir-Rev.mu P. Bonaventura minn Solero, li f'dak iż-żmien kien il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa u billi kien ġej minn Ruma, għadda hawn Malta, fejn kellu joqgħod għal xi żmien biex iwettaq qadja lir-Rev.mu Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.

Hawn Malta wkoll, Pawlina De Nikolay, diġà professata fit-Tielet Ordni, kellha l-privileġġ kbir, mogħti biss darb'oħra minn San Franġisk lid-dixxipla tiegħu Frate Jokopa tas-Seba' Xmux (Settesoli), li tagħmel il-professjoni ta' l-EWWEL ORDNI f'idejn l-istess Patrijarka San Franġisk, li dehrilha u taha din il-grazzja waħdanija li tiġi mdaħħla fl-Ewwel Ordni tiegħu, u wegħidha li matul ħajjitha kollha, il-Patrijiet tiegħu Franġiskani qatt ma jħalluha, imma jħarsuha u jaħsbulha għal dak li tkun tinħtieġ. Hi, għaldaqshekk, kienet tosserva r-Regola ta' l-EWWEL ORDNI FRANĠISKAN u, għalhekk, b'digriet tat-28 ta' April 1863, id-Diskretorju tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa seħibha mal-Kustodju bħala missjunarja b'jedd għal kull ħtieġa tagħha tul ħajjitha.

X'iżjed? Waqt li kienet f'Loretu ġiha d-don minn Alla tal-pjagi f'idejha, saqajha u fil-kustat, li minnhom kuljum kien joħroġ ħafna demm u li kienu jġagħluha tħoss it-tbatijiet tat-tislib ta' Kristu. B'dawn il-pjagi, Pawlina ġiet fl-Art Imqaddsa maħsula bd'mem il-Feddej, Kristu. Il-pjagi ta' idejha, jistqarr il-Patri Radò, rajthomlha bosta drabi, u dan nista' nixhdu b'ġurament". Dawk ta' idejha u saqajha rathom ukoll f'Ferentino, is-Soru Maltija Katerina ta' Santa Roża, li mbagħad kienet Superjura fil-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani fil-Kajr, l-Eġittu. Huma kienu ġrieħi qishom

bħal toqba magħmula minn musmar oħxon u li jinfdu min-naħa għall-oħra ta' l-idejn. "Hekk kienu wkoll il-ġrieħi tas-saqajn, għalkemm jiena ma rajthomx minħabba li ma jixraqx; wisq iżjed ma rajtx il-ġerħa tal-kustat li, kif stqarret hi, Pawlina, kienet kbira u ofnda ħafna.

Biex kienet iżżomm moħbi lill-qaddejja tagħha dan il-privileġġ kbir tagħha, kienet tinqeda bl-ingwanti u hija nfisha kienet taħsel u tgħaddi l-bċejjeċ imċappsin bid-demm: u meta ma kinetx tista' tagħmlu, għax marida, kont nagħmlilha dan ix-xogħol jiena jew il-P. Bonaventura, li kien jaf bissigriet, bħala direttur straordinarju. Hi, imbagħad, kienet hekk għajjura għal dan is-sigriet, li kienet aktar trid titlef il-privileġġ tal-pjagi, milli tgħidu lill-oħrajn. Anzi biex tasal għal dan, kienet tagħmel talb lil Ġesù Kristu, kif l-Eminenza Tiegħek tista' tara minn din it-tqabbila tagħha li hawn bgħattlek. Dan il-kbir privileġġ dam fuqha għal 8 snin, u ma kellux iħalliha għal kollox ħlief meta tkun fuq l-Għolja tal-Kalvarju, kif kien ħabbrilha minn qabel Ġesù Kristu.

Id-dehriet qaddisa kienu jiġrulha ta' sikwit, qisu ta' kuljum, biss fl-aħħar ħames snin ta' ħajjitha bdew jitbegħdulha xi ftit. Ġesù Kristu, il-Madonna, San Ġużepp, il-qaddisin Slaten Maġi, San Franġisk, Sant'Antnin u l-Appostlu San Pawl, dawn kienu l-iżjed li jżuruha. Kien jidhrilha wkoll l-Anġlu Kusodju tagħha u Anġli oħra. F'Betlehem dehrilha Ġesù Bambin, li qegħdilha f'dirgħajha, laqgħet il-bews tiegħu u sejħilha għarusa tiegħu; fuq il-Kalvarju ħalliha tarah imsallab u agonizzant, u taha sehem minn tbatijietu; u fil-qabar dehrilha mqajjem mill-mewt fil-glorja ta' l-Irxoxt. Aktar minn darba, waqt li marida fis-sodda, ġiet imqarbna bl-ostja sagramentali mill-istess Ġesù Kristu; l-ostja mqaddsa, imtajra minn fuq l-altar, kienet tmur dritt f'ħalqha, ittiha hena tassema.

Pawlina kellha wkoll dak li tidħol fil-qalb, taqra bħala f'mera dak li fiha ta' risq jew ta' għajb fil-kuxjenza ta' dawk, li lilhom setgħet tkunilhom ta' ġid. Ruħha saħansitra kienet tidħol fiċ-ċelel tar-Reliġjużi, u wisq drabi ma kinetx tkun għalxejn iż-żjara tagħha. Ħafna ħwejjeġ ġew lilha mnebbħin mill-għoli fuq il-konverżjoni tat-Torok, fuq il-qawmien ta' l-Ordni Serafiku, fuq l-għadd kbir ta' dawk li jsalvaw ruħhom li, għalkemm ikunu jidhru li ħallew id-dinja fid-dnub, iżda jsalvaw (għax qabel mewthom il-Madonna taqlagħlhom il-grazzja ta' l-indiema), u fuq ir-rebħa tal-Knisja Katolika, triq waħdanija għas-sema u għarusa waħdanija ta' Ġesù Kristu.

(**jissokta**).

### TRID LIBSA ĠDIDA

Ġiħa qal lil martu: "Għaliex bil-geddum dalgħodu?"

U hi: "Irrid libsa ġdida; għarukaża, qisni dejjem imdendla u mitluqa!"

Ġiħa: "Kif, għad m'ilix xahar li xtrajtlek waħda!"

U hi: "Dik ġa lbistha għaxar darbiet f'dan ix -xahar, u issa nistħi minnies ta' artna, kollha jiekluni bil-ħars . . ."

Ġiħa: "Tajjeb", qallha, "għada nikru dar oħra u mmorru noqgħodu ġo ħâra oħra . . . ."